1. Ċittadinanza – Nies li jridu jsiru ċittadini Maltin iridu jistennew mill-inqas 12-il sena għan-naturalizazzjoni. Dan irid ukoll jinkorpora fejn tidħol ċittadinanza mixtrija. Hawnhekk l-investiment irid jidher li verament irid isir, mhux biss bil-flus imma anke bil-kontribuzzjoni attiva ta' min qed jinvesti. Mhux sew, li hawn min anke ilu snin barrani fin-negozju u dam anke 25 sena biex ikun inaturalizzat! U dan barra oħrajn li jiġu hawn anke llegalment u mbagħad jiżżewwġu biex ikollhom iċ-ċitadinanza Maltija u tal-UE wara 5 snin. Ma' dan kollu jrid jiżdied li dan il-pass qed jittieħed biex tiġi mħarsa l-identita' tal-pajjiż, kif ipprovduta wkoll fil-Prinċipji tal-Ġnus Magħquda—anzi trid tgħaddi wkoll għall-ibliet u l-irħula tagħna li mhux biss qed jitilfu ċertu identita' imma saru wkoll ghettos drabi perikolużi kif ġara fil-Marsa u l-Ħamrun.

2. Lealta' lejn il-pajjiż-il-Kostituzzjoni trid tagħmilha iktar faċli biex min ikun ħa ċ-ċittadinanza u jabbuża biha u/jew jagħmel atti koroh kontra l-pajjiż titneħħielu u jitkeċċa mill-pajjiż. L-istess jgħodd għal kull min ikollu xi forma ta' residenza jew kenn.

3. L-użu tal-Malti u tal-Ingliż -Il-Kostituzzjoni trid tipprovdi li l-Malti jingħata iktar importanza fit-tagħlim u t-tħaddim sew tiegħu speċjalment fejn tidħol il-Media għax il-qagħda hi ħażina ħafna. Dan jgħodd ukoll għall-ilsien Ingliż li jrid jibqa' bħala lingwa uffiċjali fil-Kostituzzjoni tagħna. Irid ikun hemm inċentivi biex iż-żewġ lingwi jerġgħu jieħdu saħħithom. Per eżempju mhux sew li l-ismijiet tat-toroq tneħħielhom il-verżjoni Ingliża u oħrajn fis-Swieqi fis-snin 80 tneħħielhom l-isem bl-Ingliż -bħal Beardsley Terrace biex ingħataw ismijiet strambi u li ma jagħmlux wisq sens għat-tip ta' komunita' bħal Triq il-Gejża u Triq il-Barmil. Vera li s-Swieqi qabel kien post rurali imma mhux it-toroq kollha kellhom jissemmew hekk.

4. Ir-reliġjon -il-fidi Kattolika u Kristjana trid tibqa' bħala l-fidi prinċipali u mgħarrfa fil-Kostituzzjoni iżda barra minn hekk, irridu wkoll nifhmu li r-reliġjonijiet l-oħra wkoll għandhom jiġu rrispettati f'sens t'Ewkumeniżmu. Il-Kostituzzjoni trid ukoll tagħmilha ċara li l-ħajja għandha tiġi rrispettata sa mill-konċepiment u li l-EBDA forma t'estremiżmu minn Musulman sa Kristjan m'għandu jiġi ttollerat u li jkun hemm ukoll providimenti kontra min bil-provi jinstab estremist, anke fis-social media. L-istess jingħad għar-razziżmu.

5. L-irwoli tal-NGOs. Dawn iridu jintgħarfu iktar permezz tal-Kostituzzjoni iżda jrid ikun hemm providimenti li qed jimxu sew għax hemm min għandu aġendi oħra u wħud jinqdew b'barranin anke b'finanzjament tal-barranin. Għalhekk irid ikun hemm providimenti għal iktar verifika u skrutinju tal-accounts u l-attivitajiet tagħhom.

6. Ħatriet tal-Gvern- Il-kumitati u l-Parlament bi 80% minimum mhux żewġ terżi jridu japprovaw il-ħatriet li jsiru fil-Gvern u l-entitajiet tiegħu inkluż Kummissarji tal-Pulizija, Avukat Ġenerali u kwalinkwa CEO. Jidher li anke dan l-aħħar ċertu CEOs ma nħatrux b'dal-mod anzi b'mod dirett u lanqas biss kien hemm sejħiet għal min hu nteressat. Din trid tidħol ukoll fil-Kostituzzjoni.